MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Kompetenza Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2020

Appell Inferjuri Numru 188/2015/1 LM

**Yana Grech (K.I. 346787M)**
*("l-appellata")*

***vs.***

**Ludwig Calleja (K.I. 433173M) u Claire Calleja (K.I. 337374M)**
*("l-appellanti")*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimati **Ludwig Calleja (K.I. 433173M)** u **Claire Calleja (K.I. 337374M)**, (minn issa 'l quddiem "l-appellanti"), mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (minn issa 'l quddiem "l-Ewwel Qorti") fis-26 ta' Frar, 2020, (minn issa 'l quddiem "is-sentenza

appellata"), li permezz tagħha l-Ewwel Qorti ddeċidiet li tilqa' t-talba tar-rikorrenti **Yana Grech (K.I. 346787M)**, (minn issa 'l quddiem "l-appellata") b'mod limitat, u kkundannat lill-intimati jħallsu lir-rikorrenti s-somma ta' disat elef, erba' mija u sebgħa u tmenin Euro u tnejn u sebgħin ċenteżmu (€9,487.72) bħala rifużjoni ta' pagament effettwat mir-rikorrenti lill-intimati fir-rigward ta' xogħlijiet fil-fond tar-rikorrenti f''Bonnici Flats', Vittorio Cassar Street, Birkirkara (minn issa 'l quddiem "il-fond"), bl-imgħax mid-data tal-preżentata tar-rikors tar-rikorrenti, jiġifieri mit-22 ta' Ġunju, 2015, u bl-ispejjeż kontra tagħhom.

**<u>Fatti</u>**

2. Ir-rikorrenti kienet istitwiet proċeduri kontra l-intimati fejn talbet lill-Ewwel Qorti tikkundanna lill-intimati jħallsu lir-rikorrenti s-somma ta' €10,633.66, rappreżentanti bilanċ ta' pagament għal xogħlijiet li kellhom isiru mill-intimat fil-proprjetà tar-rikorrenti. Jirriżulta li hekk kif il-partijiet ftiehmu dwar l-appalt, ir-rikorrenti kienet għaddiet lill-intimat bil-quddiem is-somma ta' €17,000, imma x-xogħol pattwit baqa' ma tlestiex, u għalhekk ir-rikorrenti istitwiet dawn il-proċeduri li permezz tagħhom qiegħda titlob li jiġi rifuż lilha l-ammont ta' €10,633.66 li huwa l-bilanċ li jifdal wara li jitnaqqas il-valur tax-xogħol li effettivament ġie esegwit mill-intimat.

**Mertu**

3. Għat-talbiet tar-rikorrenti l-intimati wieġbu li huma mhumiex debituri tar-rikorrenti, u kien hemm il-ħtieġa li jissejjaħ fil-kawża Keith Balzan Gera, li kien sħab fin-negozju ma' Ludwig Calleja, li wkoll kien inkarigat mir-rikorrenti sabiex jagħmel xi xogħlijiet fil-fond tagħha. L-intimati qalu li għal xi raġuni Balzan Gera abbanduna s-sit tax-xogħol wara li kien diġà tħallas ta' xogħlu, u l-intimat Ludwig Calleja ma jistax jitqies li huwa debitur, għaliex huwa kien anki ħallas għal xogħol li sar minn ħaddiema mqabbdin minnu u minn Balzan Gera sabiex jaħdmu fil-fond tar-rikorrenti. Fl-eċċezzjonijiet mogħtija mill-intimati, intqal ukoll li Claire Calleja m'għandha l-ebda relazzjoni ġuridika mar-rikorrenti, u hija m'għandha l-ebda konnessjoni man-negozju mertu tal-kawża, u għalhekk ma tistax titqies li hija leġittima kontradittriċi f'dawn il-proċeduri.

4, L-Ewwel Qorti semgħet diversi xhieda, fosthom lir-rikorrenti **Yana Grech**, li qalet li hija ddeċidiet li tuża s-servizzi tal-intimat fuq parir ta' xi ħbieb tagħha. Spjegat li hija kienet xtrat il-fond fi stat ġebel u saqaf, u qabel tat l-appalt lill-intimat, kienet iltaqgħet miegħu fuq il-post, u dan kien ta stima tax-xogħlijiet li kien ser jagħmel. Qalet ukoll li l-intimat kien wegħedha li x-xogħol kellu jkun lest sa Diċembru tal-istess sena. Spjegat li sa Diċembru l-intimat kien għamel xi xogħol ta' kostruzzjoni fil-fond, u anki waqqa' xi ħitan diviżorji u għamel l-installazzjoni tad-dawl u tal-ilma, iżda ma kienx lesta x-xogħol kollu li kellu jagħmel. Kompliet tgħid li hija kellha ssiefer għal perijodu ta' xahar f'Diċembru tal-2013, u dak iż-żmien l-intimat kien talabha xi flus sabiex ikun

jista' jixtri l-materjal. Qalet li b'kollox hija kienet għaddiet lill-intimat €17,000, u l-ftehim bejn il-partijiet kien li r-rikorrenti kellha tittrasferixxi l-flus f'kont bankarju indikat lilha mill-intimat. Ir-rikorrenti qalet li meta hija rritornat lura Malta, hija kienet sabet li l-fond kien għadu fl-istat li kien fih qabel siefret. Qalet li hija bdiet issus wara l-intimat sabiex tara meta kien ser ikompli x-xogħol, u kull darba li dan kien imur fl-appartament tagħha, dejjem kien ikun akkumpanjat minn ħaddiema differenti. Ir-rikorrenti qalet li sadanittant bdew jaslu fil-post l-għamara u affarijiet oħra ordnati minnha, u għalhekk hija kellha tara kif tagħmel u ssib ħaddiema oħra biex jaħdmu u jingħalaq il-post. Ir-rikorrenti qalet li hija kellha tagħmel dan wara li l-intimat beda jġib ħafna skużi sabiex ma jkomplix bix-xogħol miftiehem wara li ħallsitu l-flus li kienet tatu. Ir-rikorrenti qalet li hija ma tafx Keith Balzan Gera x'relazzjoni għandu mal-intimat, imma qalet li hija dejjem mal-intimat kienet tkellmet, u miegħu kienet ftehmet dwar ix-xogħol li kellu jsir u l-prezz tiegħu. Ir-rikorrenti qalet ukoll li kien hemm żmien meta l-intimat kien rikoverat l-isptar, u kien qalilha biex tikkomunika ma' Keith Balzan Gera. Ir-rikorrenti qalet li minkejja l-flus li kienet ħallset bil-quddiem lill-intimat, huwa baqa' ma lestiex ix-xogħol skont il-ftehim li kellhom bejniethom il-partijiet. Meta l-intimat ma baqax iweġibha u ma kompliex bix-xogħlijiet, l-attriċi qabbdet lil Keith Balzan Gera sabiex iwettaq uħud mix-xogħlijiet li kienu għadhom ma sarux u dan anke għaliex kien l-intimat stess li, waqt li kien l-isptar, kien infurmaha biex tqabbad lil Balzan Gera għall-kumplament tax-xogħlijiet. Ir-rikorrenti ikkonfermat illi hija kellha tħallas apparti għax-xogħol ta' kisi u pajp tad-drenaġġ u xi xogħlijiet oħrajn, iżda ma reġgħetx ħallset lil Keith Balzan Gera tax-xogħlijiet li hija kienet diġà

ħallset tagħhom lill-intimat, anke għaliex Balzan Gera kien qalilha li ser ikompli x-xogħlijiet li hija kienet appaltat lill-intimat u kien ser jirranga hu mal-intimat. Fil-21 ta' Awwissu, 2014 hija kkonkludiet ftehim bil-miktub ma' Keith Balzan Gera, liema ftehim jafferma illi effettivament Keith Balzan Gera ġie inkarigat mir-rikorrenti biex ilesti wħud mix-xogħlijiet li kellhom isiru mill-intimat, bir-riżerva espressa illi xogħlijiet oħrajn apparti dawk indikati espressament fil-ftehim, mhuwiex responsabbli għalihom Keith Balzan Gera. Rigward il-ftehim li ġie konkluż bejn ir-rikorrenti u Keith Balzan Gera fis-16 ta' Marzu 2015, ir-rikorrenti fissret illi effettivament Keith Balzan Gera lesta x-xogħlijiet li kien aċċetta li jwettaq skont il-ftehim preċedenti konkluż mar-rikorrenti, u illi hija ħallsitu a saldu ta' dawk ix-xogħlijiet li kienet inkarigatu jagħmel separatament mill-appalt li kien ingħata lill-intimat, u dan fis-somma ta' €500 fi flus kontanti.

Xehed ukoll quddiem l-Ewwel Qorti kien **il-Perit Philip Farrugia**, li spjega li huwa kien ġie inkarigat mir-rikorrenti sabiex jagħmel stima tax-xogħlijiet li kienu tlestew mill-intimat. Qal li minkejja li fil-ġurnata miftiehma, hu u r-rikorrenti marru fuq il-post u għamlu xi ħin jistennew lill-intimat, dan baqa' ma marx fuq il-post. Qal li huwa kien ħa nota tax-xogħlijiet li kienu saru fil-fond, skont il-pjanta li tatu r-rikorrenti u kien għamel stima tax-xogħol li tlesta mill-intimat skont ir-rati prevalenti fis-suq lokali.

**Keith Balzan Gera** xehed li huwa sar jaf lill-intimat meta beda jagħmel xi xogħol *part-time* miegħu. Qal li xi żmien wara l-intimat kien ħajru biex jibda jaħdem miegħu, u għalhekk huwa telaq mill-impjieg li kellu u beda jagħmel

xogħol ta' *turnkey contractor* mal-intimat. Qal li huwa kien mar fil-fond tar-rikorrenti flimkien mal-intimat, u kienu tawha stima tax-xogħol li kellu jsir. Ix-xhud spjega li huwa ma kienx daħal fil-ftehim li r-rikorrenti għamlet ma' Ludwig Calleja. Qal li kien hemm żmien meta l-intimat kellu problemi finanzjarji u x-xhud ma kienx qiegħed jitħallas tax-xogħol li kien qiegħed jagħmel, u l-intimat kien ġieli qallu li l-klijenti ma kinux qegħdin iħallsu tax-xogħol. Spjega li kien għalhekk li huwa ddeċieda li jieqaf mix-xogħol li kien qiegħed jagħmel mal-intimat, għalkemm f'punt minnhom bdiet tikkomunika miegħu r-rikorrenti. Qal li dak iż-żmien huwa kien ftiehem magħha li kien ser jagħmel ix-xogħol li għalih ir-rikorrenti kienet ħallset lil Ludwig Calleja, u żied jgħid li l-intimat lilu baqa' ma ħallsux ta' dan ix-xogħol. Ix-xhud qal li huwa kien ftiehem ukoll mar-rikorrenti li jagħmel xi xogħlijiet oħra fil-fond tagħha indipendentement mill-ftehim li kien sar mal-intimat, u ta' dan ix-xogħol li għamel wara dan il-ftehim, kellu jitħallas hu direttament mingħand ir-rikorrenti.

L-intimat **Ludwig Calleja** fix-xhieda tiegħu qal li huwa kien sħab ma' Keith Balzan Gera fuq xogħol ta' dawl u ilma. Qal li huwa kien ġie inkarigat mir-rikorrenti biex jagħmel xi xogħol fl-appartament tagħha, u huwa kien taha stima wara li mar fuq il-post flimkien ma' Balzan Gera. Qal li r-rikorrenti kienet laqqgħetu mad-*designer* tagħha, u kien hemm żmien meta r-rikorrenti siefret u hu u Balzan Gera kienu jmorru jaħdmu fil-post flimkien ma' bennej u familjari tar-rikorrenti. L-intimat ikkonferma li r-rikorrenti kienet għaddietlu pagament fi flus kontanti fl-ammont ta' €7,000, u ħlas ieħor ta' €10,000

permezz ta' trasferiment bankarju. Qal li dak iż-żmien, hu u Balzan Gera kellhom sitt lavranti magħhom, u mill-flus imħallsa mir-rikorrenti huwa kien għamel ħlasijiet sostanzjali lill-bennej, u kien anki ħareġ ħafna flus għal xiri tal-materjal bħar-ramel u torba.

**Douglas Sant**, il-bennej li ħadem fil-fond tar-rikorrenti qal li hu kien tħallas mill-intimat għax-xogħol li għamel fil-fond.

L-intimat f'xhieda ulterjuri li ta quddiem l-Ewwel Qorti, spjega li Keith Balzan Gera kien irrifjuta li jħallas lill-bennej, u sabiex jevita li jinqalgħu problemi mal-bennej, huwa kien offra li jħallas lill-bennej hu. Spjega li apparti xogħol fl-appartament tar-rikorrenti, kien hemm xogħol ieħor x'isir fil-komun tal-binja, u għal dawn ix-xogħlijiet kien ħallas hu. Qal li huwa ħallas għax-xiri ta' xi affarijiet li kellhom jinxtraw waqt li r-rikorrenti kienet imsiefra l-Awstralja, u għall-materjal meħtieġ sabiex seta' jsir ix-xogħol fil-fond. L-intimat qal li wara li r-rikorrenti ġiet lura Malta, il-*budgeting* għal dan il-proġett kellu jiġi rivedut mill-ġdid. Għad-domandi li sarulu in kontroeżami, l-intimat qal li fiż-żmien meta huwa kien qiegħed jaħdem fil-fond tar-rikorrenti, huwa kien inkarigat minn blokka appartamenti ġewwa San Ġiljan. Qal ukoll li dak iż-żmien huwa kellu kont miftuħ ma' *wholesaler* tal-materjal tal-bini, u għal dan il-materjal kellu jħallas hu waħdu minħabba li Keith Balzan Gera kien irrifjuta li jħallas sehmu.

**Is-Sentenza Appellata**

5. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fis-26 ta' Frar, 2020, l-Ewwel Qorti ddeċidiet li l-intimati għandhom iħallsu lir-rikorrenti l-ammont ta' €9,487.72, in linea ta' rifużjoni ta' pagament effettwat fir-rigward ta' xogħlijiet fil-fond tar-rikorrenti, bl-imgħax mid-data tal-preżentata tar-rikors promutur, jiġifieri mit-22 ta' Ġunju, 2015, u bl-ispejjeż kontra l-intimati, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Ikkunsidrat;***

*Huwa indiskuss illi l-konvenut ġie inkarigat mill-attriċi b'appalt ta' diversi xogħlijiet li kellhom jitwettqu fl-appartament tagħha. Dak li trid tistabbilixxi l-Qorti f'din il-kawża, huwa jekk l-appalt ingħatax lill-intimat waħdu jew lill-konvenut u lil Keith Balzan Gera flimkien bi sħab bejniethom, kemm ħallset flus l-attriċi għal dan l-appalt u lil min tħallsu dawn il-fondi. Dan huwa preordinat ukoll għad-determinazzjoni dwar jekk kellux jiġi kjamat fil-kawża l-imsemmi Keith Balzan Gera. Determinati l-kwistjonijiet fuq imsemmija, il-Qorti trid imbagħad tgħaddi biex tistabbilixxi x'valur għandhom ix-xogħlijiet effettivament esegwiti fuq dan l-appalt fil-fond tal-attriċi, u dan sabiex jiġi deċiż finalment jekk hemmx lok għal rifużjoni a favur tal-attriċi ta' xi flejjes imħallsin fuq l-appalt.*

*Il-konvenut jikkontendi illi huwa kellu negozju bi sħab ma' Keith Balzan Gera u kienu jaħdmu flimkien xogħol ta' dawl u ilma taħt isem K&L Contractors. Isostni li bl-appalt dwar ix-xogħlijiet fl-appartament tal-attriċi, ġie inkarigat kemm hu u kif ukoll l-imsemmi Keith Balzan Gera flimkien, u l-istima tal-prezzijiet tax-xogħol li ġiet mgħoddija lill-attriċi, saret minn K&L Contractors u nħadmet minnhom flimkien. Il-konvenut isostni ulterjorment illi kemm hu hekk, il-pagamenti li għamlet l-attriċi preventivament in konnessjoni mal-appalt, saru lil Keith Balzan Gera u mhux lilu, bil-pagament ta' €10,000 imħallas mill-attriċi fil-kont ta' Keith Balzan Gera u mhux fil-kont tiegħu. Żied jgħid illi għal xi raġuni, l-imsemmi sieħbu abbanduna s-sit tax-xogħol wara li kien tħallas tal-istess xogħlijiet. Abbażi ta' dan kollu, il-konvenut*

*jeċċepixxi li l-imsemmi Keith Balzan għandu jiġi kjamat fil-kawża sabiex iwieġeb hu għat-talbiet attriċi.*

*Da parti tagħha, l-attriċi sostniet illi hija ftiehmet biss mal-konvenut fuq l-appalt, kien il-konvenut li kien taha l-istima tax-xogħlijiet u ma kien hemm ħaddieħor involut fit-taħdidiet li wasslu għall-konklużjoni tal-ftehim tal-appalt. B'mod partikolari, hija teskludi illi Keith Balzan Gera kien parti mill-ftehim li hija kkonkludiet mal-konvenut u għaliha, huwa kien biss wieħed mill-ħaddiema li kienu jitqabbdu mill-konvenut biex isiru x-xogħlijiet fil-fond tagħha. L-attriċi ssostni wkoll illi l-pagamenti li hija effettwat fuq l-appalt, tħallsu lill-konvenut waħdu u dan skont kif talabha l-istess konvenut, filwaqt illi l-kuntatt li kien isir waqt u għall-fini tal-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet, sakemm l-appalt ġie terminat, dejjem sar mal-konvenut.*

*Il-Qorti wara li rat il-provi, tibda biex tosserva illi ma hemm xejn fl-atti x'juri illi l-attriċi oriġinarjament inkarigat lid-ditta K&L Contractors bl-appalt, jew li tat ix-xogħol lill-konvenut u lil Keith Balzan Gera flimkien. Il-provi kollha juru u jikkonvinċu illi l-attriċi inkarigat lill-konvenut Ludwig Calleja waħdu. Għalkemm huwa minnu illi l-istima tax-xogħlijiet appaltati jidher li nħarġet minn ditta bl-isem K&L Contractors, dan ma jfissirx illi l-attriċi kienet qiegħda tikkummissjona bl-appalt persuni oħrajn li ma jirriżultax li qatt innegozjat magħhom. L-attriċi kienet ċara u konvinċenti fix-xhieda tagħha illi l-ftehim li kellha, sar biss mal-konvenut u li hija qatt ma qabbdet lil Keith Balzan Gera biex jesegwixxi x-xogħlijiet fil-fond tagħha ħlief wara li tterminat l-appalt mogħti lill-konvenut. Il-Qorti hija konvinta bil-veraċità tal-verżjoni tal-attriċi, kif pjenament korroborata mix-xhieda ta' Keith Balzan Gera, u fil-ġabra tal-provi kollha akkwiżiti, tqis illi jirriżulta sodisfaċentement illi l-attriċi tat ix-xogħol biss lill-konvenut.*

*Kif inhuwa risaput in materja:-*

*"Illi hija ħaġa minn ewl id-dinja li normalment bniedem jikkontratta għalih innifsu, sakemm ma jindikax li qiegħed jikkontratta f'isem ħaddieħor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-ieħor ikun raġonevolment jaf illi jkun qiegħed jikkontratta f'isem ħaddieħor."*[1]

*Il-piż tal-prova li min ikkontratta għamel hekk f'isem ħaddieħor tinkombi fuq min jagħmel din l-allegazzjoni u jekk jinġiebu effettivament provi fir-rigward, dawn għandhom jintiżnu fid-dawl tar-regola li fin-nuqqas ta' provi jew anki fid-dubju l-*

[1] **Avukat Dottor Keith Bonnici noe** *vs* **Mark Grima**, deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fit-30 ta' April 1992.

*mandat ma jistax jiġi preżunt, anzi għandu jiġi eskluż.*[2] *Il-Qorti ma hijiex konvinta illi l-attriċi kienet mgħarrfa illi l-istess konvenut kien qed jaġixxi fil-ftehim li kkonkluda magħha, anke f'isem terzi, speċifikament f'isem Keith Balzan Gera. Il-fatt ut sic li l-konvenut għadda lill-attriċi stima ta' prezzijiet maħruġa minn K&L Contractors ma jfissirx li l-attriċi tat ix-xogħol lil Keith Balzan Gera meta ma jirriżultax illi l-attriċi kienet taf x'jirrappreżentaw l-ittri K u L fl-isem in kwistjoni. Wara kollox, l-attriċi kienet kategorika meta fissret li hija ftiehmet mal-konvenut biss, ħallset biss lill-konvenut u l-kuntatt li kien isir waqt l-eżekuzzjoni tal-appalt, kien dejjem isir mal-konvenut. Wara kollox, il-konvenut innifsu enfasizza fit-testimonjanza tiegħu illi, "Jien naf x'għamilt ... id-dawl, il-plumbing, id-drenaġġ, extra work għand iz-zija, ix-xogħol tal-bennej, ix-xogħol tal-komun tal-appartamenti tagħha, kollox għamilt."*

*Din il-konklużjoni l-Qorti waslet għaliha anke wara li kkunsidrat illi jekk verament l-attriċi tat ix-xogħol lil Keith Balzan Gera u lill-konvenut flimkien, u kieku l-Qorti kellha temmen il-verżjoni tal-konvenut li l-attriċi ħallset il-flus kollha lil Keith Balzan Gera, ma fiha ebda loġika d-deċiżjoni tal-attriċi li, wara li terminat l-appalt minħabba nuqqas ta' progress fix-xogħlijiet għad li dawn kienu diġà mħallsin, terġa' tinkariga lill-istess appaltatur biex ikompli jwettaq ix-xogħlijiet appaltati. Għall-Qorti, il-fatt illi entrambi l-attriċi u l-imsemmi Keith Balzan Gera jaqblu illi għax-xogħlijiet li dan tal-aħħar effettivament esegwixxa wara t-terminazzjoni tal-appalt mogħti lill-konvenut, l-attriċi ma reġgħetx ħallsitu tax-xogħol li kien diġà appaltat lill-konvenut u mħallas lilu preventivament, iżda ħallsitu biss għal xogħlijiet extra li ma kienx imħallas bil-quddiem lill-konvenut, ikompli jafferma l-konvinzjoni tagħha illi l-attriċi ma kinitx ingaġġat lil Keith Balzan Gera, u lanqas kienet konxja tal-ftehim ta' sħab li kellu mal-konvenut. Mid-dokument ossia ftehim li xehdet dwaru l-attriċi fl-udjenza tal-10 ta' Diċembru 2019, jirriżulta illi Keith Balzan Gera ġie inkarigat limitatament sabiex jesegwixxi x-xogħlijiet elenkati fl-istess ftehim tant illi ġie meħlus minn kull responsabbiltà għal dan l-appalt partikolari. Il-Qorti għalhekk tqis li l-fatt li l-attriċi sussegwentement inkarigat speċifikament lil Keith Balzan Gera sabiex waħdu jwettaq ix-xogħol tal-appalt, ikompli juri kif l-istess Keith Balzan Gera ma kienx imqabbad mill-attriċi oriġinarjament bħala appaltant.*

*Il-Qorti kkunsidrat ukoll illi Keith Balzan Gera ċaħad illi huwa rċieva xi pagamenti mingħand il-konvenut in konnessjoni ma' dan l-appalt, tant illi jgħid li għad għandu jitħallas mingħand il-konvenut għal diversi xogħlijiet li wettaq.*

[2] Troplong 'Mandato', ċitata fil-Kollez. Vol. XLII.ii.203.

*Għalkemm huwa ppruvat illi l-konvenut kellu arranġament mal-imsemmi Keith Balzan Gera sabiex jaħdmu xi proġetti ta' dawl u ilma flimkien bi sħab bejniethom, inkluż l-appalt mogħti mill-attriċi, u jaqsmu l-qligħ ugwalment bejniethom, għall-Qorti l-ftehim li l-konvenut seta' kellu l-konvenut ma' terzi, ma għandu ebda rilevanza għad-determinazzjoni dwar min kienu effettivament il-partijiet kontraenti fl-appalt mertu ta' din il-kawża. F'din il-konvenzjoni l-attriċi la kienet parteċipi u lanqas kienet konxja tagħha kif wara kollox ġie affermat ukoll minn Keith Balzan Gera. Il-Qorti temmen il-verżjoni tal-attriċi u ta' Keith Balzan Gera illi l-involviment li dan tal-aħħar kellu b'rabta ma' dan l-appalt in kwistjoni, kien permezz ta' ftehim indipendenti mal-konvenut. Tqis ukoll illi effettivament, il-kwistjoni interni ta' bejn il-konvenuti u s-sieħeb tiegħu fin-negozju huma irrilevanti kif ukoll* inter alios acta *għall-attriċi ġialadarba ġie ppruvat illi l-ftehim sar unikament mal-konvenut u x-xogħol ġie kkummissjonat biss lill-konvenut.*

*Fl-istess waqt, il-Qorti ma taqbilx ma' dak li ġie sottomess min-naħa attriċi waqt it-trattazzjoni, ċioe li kien hemm responsabbilità solidali bejn il-konvenut u s-sieħeb tiegħu fin-negozju u illi konsegwentement, l-attriċi setgħet tindirizza l-pretensjoni tagħha fil-konfront ta' wieħed biss mis-soċji in linea tal-prinċipji tal-obbligazzjonijiet* in solidum*. Wara kollox il-liġi hija ċara illi s-solidarjetà għandha tkun miftiehma espressament jekk mhux dikjarata mil-liġi*[3] *u f'dan il-każ ma hemm ebda prova kwalsiasi, li la ġiet imwaqqfa sħubija b'mod formali skont id-dispożizzjonijiet tat-Titolu X tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Ċivili, u lanqas illi ġie miftiehem espressament fl-appalt illi l-obbligazzjoni tal-appaltaturi hija obbligazzjoni* in solidum. *Il-Qorti ħadet qies ukoll tal-fatt illi d-ditta K&L Contractors jirriżulta li hija biss isem tan-negozju u mhux entità ġuridika jew korp ta' persuni munit b'personalità distinta minn dik tas-soċji tagħha.*

*F'kull każ, anke jekk għal mument, wieħed kellu jaċċetta illi kien hemm kuntratt ta' soċjetà bejn il-konvenut u Keith Balzan Gera, fis-sens imfisser fl-Artikoli 1644 et sequitur tal-Kodiċi Ċivili, l-Artikolu 1676 huwa inekwivoku meta jipprovdi illi s-soċji mhumiex obbligati* in solidum *għad-djun tas-soċjetà u li wieħed mis-soċji ma jistax jobbliga lill-oħrajn, jekk dawn ma jkunux tawh is-setgħa għaldaqshekk. Fil-każ odjern, ma ntwera bl-ebda mod illi kien hemm in forza xi ftehim ta' soċjetà, u wisq inqas illi Keith Balzan Gera ta lill-konvenut espressament is-setgħa li jobbliga lilu jew vice versa. Għall-kuntrarju, kif diġà stabbilit, wara tgħarbil bir-reqqa tal-provi, jirriżulta illi l-ftehim dwar l-appalt tassew sar biss bejn l-attriċi u l-konvenut u ma'*

[3] Artikolu 1089 tal-Kodiċi Ċivili.

*ħadd iktar, u ċertament mhux ma' xi sieħeb f'soċjetà fejn is-soċji huma obbligati* in solidum.

*Il-konklużjoni illi l-konvenut kien inkarigat waħdu mill-attriċi biex jesegwixxi dan l-appalt, hija msaħħa ulterjorment mill-fatt illi fi kwalsiasi każ, il-Qorti mill-ġabra tal-provi kollha fl-atti, hija konvinta illi l-pagamenti li saru mill-attriċi in konnessjoni ma' dan l-appalt, tħallsu lill-konvenut u mhux lil Keith Balzan Gera. Huwa ppruvat u effettivament m'hemmx kontestazzjoni illi l-attriċi ħallset is-somma komplessiva ta' €17,000 għall-appalt permezz ta' żewġ pagamenti: wieħed fil-25 ta' Ottubru 2013 fis-somma ta' €10,000, liema ħlas sar permezz ta'* drawdown *minn kont tal-attriċi tal-bank HSBC direttament għal ġo kont bankarju ieħor indikat lilha għall-fini ta' ħlas lill-konvenut; u pagament ieħor fis-somma ta' €7,000 liema somma l-attriċi xehdet li ħarġet mill-kont bankarju tagħha fl-1 ta' Novembru 2013 u ġiet mgħoddija lill-konvenut personalment f'kontanti.*

*Kwantu għat-tieni pagament fis-somma ta' €7,000, għalkemm il-konvenut jikkontendi illi dan il-pagament ma sarx lilu iżda sar lil Keith Balzan Gera, din il-verżjoni hija miċħuda mill-istess Keith Balzan Gera kif ukoll mill-attriċi, u fuq kollox hija kontradetta mill-fatt illi fuq id-dokument bankarju relattiv hemm miktub illi dan il-flus tħallas f'kontanti lil Ludwig Calleja, b'indikazzjoni tan-numru tal-karta tal-identità tal-istess konvenut. L-attriċi kienet kategorika meta xehdet illi hija kienet preżenti meta l-konvenut irtira dan il-flus f'kontanti li kienu nġibdu mill-kont bankarju tagħha, u saħqet illi hija ħallset lill-konvenut għaliex kien hu li kien talabha l-flus biex jixtri xi materjal.*

*Kwantu għat-trasferiment tas-somma ta' €10,000, l-attriċi xehdet li l-konvenut kien infurmaha illi l-kont bankarju minnu indikat kien* loan account *tiegħu. L-attriċi qalet illi hija ma tafx effettivament lil min kien intestat il-kont bankarju indikat lilha mill-konvenut iżda fi kwalsiasi każ, mid-dokumenti bankarju relattiv jirriżulta illi dan il-ħlas sar f'isem il-konvenut, u abbażi ta' riċevuta fiskali maħruġa mill-istess konvenut favur l-attriċi fuq in-numru tal-VAT 16604235, li huwa l-istess numru tal-VAT indikat ukoll għall-finijiet ta' din it-transazzjoni bankarja.*

*Għalkemm hemm qbil bejn il-konvenut u Keith Balzan Gera illi effettivament il-kont bankarju indikat għall-fini ta' dan it-trasferiment kien xi kont bankarju ta' Keith Balzan Gera u mhux tal-konvenut, il-Qorti hija sodisfatta illi l-flus trasferiti ġewwa dan il-kont mhux biss kienu intiżi bħala pagament lill-konvenut, iżda dawn il-flus eventwalment ġew mgħoddija in toto lill-istess konvenut minn Keith Balzan Gera.*

*Din il-konklużjoni l-Qorti waslet għaliha mhux biss abbażi ta' dak li xehdet l-attriċi u mid-dokumenti esebiti b'rabta ma' din it-transazzjoni bankarja, iżda wkoll wara li qieset ix-xhieda tal-istess Keith Balzan Gera, u l-inkonsistenzi fit-testimonjanza tal-konvenut fir-rigward. Keith Balzan Gera spjega, fost oħrajn, illi filwaqt li huwa ma kienx jaf għaliex l-attriċi kienet ħallset il-flus fil-kont bankarju tiegħu, huwa aċċetta l-ispjegazzjoni tal-konvenut dwar il-fatt li l-kontijiet bankarji tiegħu kienu sekwestrati, u effettivament irtira l-flus mill-kont tiegħu u għaddihom lill-konvenut bl-intiża li dawn iservu sabiex jibdew jinħadmu x-xogħlijiet fil-fond tal-attriċi. Il-Qorti qieset ukoll il-fatt illi skont Keith Balzan Gera il-konvenut baqa' qatt ma ddepożita dan il-pagament fil-kont bankarju tiegħu u huwa fil-fatt qatt ma tħallas xejn mingħand il-konvenut għax-xogħol li eventwalment wettaq fil-fond tal-attriċi.*

*Il-konvenut jilqa' għall-allegazzjoni ta' Keith Balzan Gera illi l-pagament li sar mill-attriċi fis-somma ta' €10,000, ġie depożitat fil-kont bankarju tiegħu minħabba li l-kontijiet tiegħu kienu sekwestrati, billi pproduċa fl-atti kopji tal-mandati ta' sekwestru li effettivament kienu nħarġu fil-konfront tiegħu. Huwa minnu illi jirriżulta li dawn il-mandati lkoll inħarġu sussegwentement għall-pagament in kwistjoni li sar fl-1 ta' Novembru 2013, iżda fil-fehma tal-Qorti l-konvenut ma ressaqx l-aħjar prova, anke meta rinfaċċjat bil-fatt li huwa ħareġ lill-attriċi riċevuta fiskali fis-somma ta' €10,000, biex jirribatti l-verżjoni tal-attriċi u tal-imsemmi xhud illi l-flus ġew perċepiti minnu. L-aħjar prova biex jirribatti din l-allegazzjoni effettivament kienet tkun ix-xhieda tar-Reġistratur tal-Qorti biex jafferma l-ħruġ tal-mandati* ***kollha*** *li kien hemm in vigore fil-konfront tal-konvenut, anzicche l-kopja ta' dawk il-mandati li l-konvenut seta' deherlu li kienu tajbin biex jagħtu sostenn lill-verżjoni tiegħu illi ma kienx hemm, fiż-żmien tal-pagament, ebda mandat ta' sekwestru fuq il-kontijiet tiegħu.*

*Iżda b'żieda ma' dan, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi in effetti, il-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru bin-numru 2586/13 a fol. 132 tal-atti, intalab ftit ġranet biss wara l-pagament li sar mill-attriċi, u dan in kawtela ta' ammont ta' flus pretiż in linea ta' kontro-talba li saret fil-konfront tal-konvenut fi proċeduri diġà pendenti – ħaġa li fil-fehma tal-Qorti turi li l-konvenut seta' kien jaf b'dik il-pretensjoni. Għalhekk, tqis li ftit li xejn tista' sservi din il-prova li ressaq il-konvenut fir-rigward.*

*F'kull każ, kif appena ngħad, il-verżjoni tal-konvenut fir-rigward tal-flus li ħallset l-attriċi, hija inkonsistenti u f'kull każ, ftit konvinċenti. Fir-rigward tal-pagament li sar mill-attriċi fil-25 ta' Ottubru 2013, il-Qorti tosserva illi għalkemm il-konvenut jgħid illi kien mar mal-attriċi ġewwa l-bank HSBC fil-Mellieħa fejn iltaqa' mal-*bank manager *u rranġaw illi kellu jsir il-pagament ta' €10,000 mill-kont tal-attriċi, jgħid*

*ukoll illi dan il-pagament kellu jidħol fil-kont ta' Keith Balzan Gera għaliex kien sieħbu li kien talab dan il-ħlas u li ried li l-flus jidħlu fil-kont tiegħu. Madanakollu, sussegwentement il-konvenut ikkontradixxa ruħu meta xehed illi dan il-pagament ġie ddepożitat fil-kont bankarju ta' Keith Balzan Gera fuq struzzjonijiet kemm tiegħu kif ukoll tal-imsemmi Keith Balzan Gera.*

*Kwantu imbagħad għall-pagament l-ieħor, liema pagament l-attriċi sostniet b'mod kategoriku li sar personalment lill-konvenut ġewwa l-bank, il-konvenut, filwaqt li inizjalment jgħid li dan il-pagament sar fil-preżenza ta' Keith Balzan Gera, sussegwentement qal illi l-pagament sar lill-imsemmi Keith Balzan Gera u hu rċieva mingħandu biss nofs is-somma ta' €7,000. In kontro-eżami, imbagħad, huwa xehed illi ma jafx x'sar minnu dan il-pagament ta' €7,000 u huwa Keith Balzan Gera li għandu jwieġeb x'sar minnu. Din il-verżjoni mhux biss tikkozza max-xhieda tal-attriċi, iżda hija fiha nnifisha inkonsistenti u mhux kredibbli.*

*Miżmum ferm dak kollu fuq premess u kkunsidrat, il-Qorti hija moralment konvinta mill-ġabra tal-provi kollha fuq ikkunsidrati, illi l-attriċi rnexxielha tipprova fuq preponderanza tal-provi u fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbilitajiet, illi ż-żewġ pagamenti effettwati minnha in konnessjoni mal-appalt, saru fuq struzzjonijiet tal-konvenut u ġew perċepiti mill-konvenut waħdu, u dan irrispettivament mill-fatt li l-kont bankarju li fih ġew trasferiti l-flus tat-tieni pagament seta' kien intestat lil Keith Balzan Gera. Il-Qorti, anke fid-dawl tal-fatt illi l-konvenut ikkontradixxa ruħu fix-xhieda tiegħu, u meħud qies tal-fatt illi l-verżjonijiet tal-attriċi u Keith Balzan Gera huma konsistenti u konsonanti ma' xulxin, hija konvinta illi l-verżjoni tal-istess attriċi u ta' Keith Balzan Gera hija veritiera u li l-pagamenti magħmula mill-attriċi saru u ġew perċepiti* in toto, *mill-konvenut.*

*Il-korollarju ta' dan huwa, neċessarjament, illi t-tieni eċċezzjoni li biha l-konvenut eċċepixxa li hija meħtieġa s-sejħa fil-kawża ta' Keith Balzan Gera minħabba li kien soċju miegħu u tħallas tax-xogħlijiet eżegwiti fil-fond tal-attriċi, hija infondata u sejra għalhekk tiġi miċħuda.*

***Ikkunsidrat;***

*Stabbilit għalhekk illi l-attriċi inkarigat lill-konvenut waħdu għall-eżekuzzjoni tal-appalt, u stabbilit ukoll illi l-konvenut irċieva mingħand l-attriċi ħlas komplessiv fis-somma ta' €17,000, jifdal sabiex jiġi stabbilit il-valur tax-xogħol imwettaq mill-konvenut sakemm ġie terminat l-appalt.*

*Il-materja tat-terminazzjoni ta' kuntratt ta' appalt, fin-nuqqas ta' xi ftehim espress milħuq bejn il-partijiet, hija regolata mid-dispożizzjonijiet ġenerali tal-Artikolu 1640 tal-Kap. 16, li jipprovdu illi min jagħti x-xogħol jista' jħoll, meta jrid, il-kuntratt, għalkemm ix-xogħol ikun diġà beda. Jibda biex jingħad illi din id-dispożizzjoni tal-liġi tikkostitwixxi deroga mill-prinċipju ġenerali tal-liġi tal-kuntratti illi f'kuntratt bilaterali jew sinallagmatiku, l-ebda waħda mill-partijiet ma tista' unilateralment tiddeċiedi li tħoll rabta kuntrattwali magħmula ma' parti oħra. Fil-kuntratt partikolari tal-appalt, il-liġi trid li min jagħti x-xogħol, ċioe l-appaltant, jista' jagħżel li jħoll il-kuntratt meta jrid, tant illi l-liġi tippermetti espressament li l-ħall jista' jsir anke jekk ix-xogħol ikun inbeda diġà. B'żieda ma' dan, il-liġi tipprovdi wkoll illi l-appalt jinħall immedjatament malli min ikun ta x-xogħol jinforma lill-appaltatur, b'kull mezz li jkun, bid-deċiżjoni tiegħu li jħoll il-kuntratt, u dan bla ħtieġa ta' ebda awtorità jew konferma mill-qorti. Din l-għażla jkollha effett minnufih malli jingħata avviż lill-appaltatur, ikun kif ikun anke verbalment.*[4]

*In propositu intqal hekk:-*

*"Illi l-qofol ta' tali jedd huwa l-aspett unilaterali tiegħu u jidher li tali jedd huwa mibni fuq dak li jiddisponi l-artikolu 1671 tal-Kodiċi Ċivili Taljan. Kif ġie mfisser f'dan il-kuntest*, "tale diritto può essere fatto valere senza darne giustificazione alcuna e senza necessità di accettazione dell'altro contraente, trattandosi di recesso *ad nutum,* che si perfeziona con la notizia datane all'appaltatore e al prestatore d'opera, e che può essere esercitato in qualsiasi momento successivo alla conclusione del contratto, e, quindi, si quando le opere non abbiano avuto ancora inizio, sia nel corso della loro esecuzione, sia in epoca prossima al loro compimento."[5]

*Illi madanakollu, f'każ bħal dan, hija rilevanti ferm ir-raġuni għaliex il-kommittent jagħmel għażla bħal din, u dan għaliex jekk ikollu raġuni tajba biex itemm l-appalt, il-kommittent ikun obbligat biss li jħallas lill-appaltatur somma rappreżentanti l-ispejjeż tal-appaltatur u l-valur tax-xogħol wara li jittieħed qies tal-utilità tagħhom lill-kommittent, kif ukoll id-danni li jkun sofra l-istess kommittent*[6]*, iżda jekk, d'altronde, il-kommittent ma jkollux raġuni tajba għat-terminazzjoni tal-appalt, huwa jkun irid iħallas lill-appaltatur somma li ma teċċedix l-ispejjeż kollha li jkun*

---

[4] Art. 1640(5), Kap. 16.
[5] Cassazione **14.6.1972** no. 1870, ċitata f'**Cutajar Construction Limited** ***vs*** **Gregoire,** Appell Ċivili, deċiża 29 ta' Marzu 2019.
[6] Artikolu 1640(3).

*nefaq u l-valur tax-xogħol mogħti, flimkien ma' somma oħra skont kif prospettat fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 1640 tal-Kodiċi Ċivili.*

*Għaldaqstant, għar-riżoluzzjoni tal-vertenza l-Qorti trid tistħarreġ u tiddetermina jekk l-attriċi fiċ-ċirkostanzi kellhiex raġuni valida sabiex tittermina l-appalt, u dan għaliex fin-nuqqas, hija tkun obbligata li tħallas lill-appaltatur l-ispejjeż kollha u l-valur tax-xogħol kollu li jkun laħaq għamel kif ukoll somma oħra kif diġà ngħad.*

*Illi in tema ġie ritenut hekk:-*

"29. Illi dwar il-kwestjoni tar-raġuni għaliex l-appalt intemm, jingħad li huwa meqjus li dak li jikkostitwixxi raġuni tajba biex appalt jitwaqqaf mill-kommittent qabel il-waqt jista' jinġabar taħt il-kappa tan-nuqqas ta' twettiq tal-kuntratt. Għalhekk, meta l-liġi ssemmi "raġuni valida" wieħed irid jifhem din il-frażi fid-dawl tal-imġiba tal-appaltatur waqt l-eżekuzzjoni tal-appalt. Trid tkun raġuni li tolqot direttament it-twettiq tar-rabta kuntrattwali tal-appaltatur mal-appaltant fis-sens tal-prestazzjoni (jew nuqqas tagħha) tiegħu taħt il-kuntratt tal-appalt. "Raġuni tajba", għall-finijiet tal-artikolu 1640 tal-Kodiċi Ċivili ma tistax tinftiehem bħala "tajba għall-appaltant għax hekk jaqbillu." Li kieku dawk il-kelmiet kellhom jitfissru b'dak il-mod, ikunu jġibu fix-xejn id-dispożizzjonijiet oħrajn tal-istess artikolu dwar il-kumpens dovut lill-appaltatur;

30. Illi bi qbil ma' dak li għadu kemm issemma, joħroġ li tali nuqqas jista' jseħħ jew bl-għoti ta' xogħol ħażin u mhux skont is-sengħa; jew bl-għoti ta' xogħol li, għalkemm fih innifsu jkun sar tajjeb, ma jkunx dak li ġie mitlub jew miftiehem; jew bin-nuqqas ta' twettiq f'waqtu jew mogħti b'dewmien esaġerat jew lil hinn miż-żmien miftiehem; jew inkella fejn, bix-xogħol mibdi, jkun jidher li qiegħda ssir ħsara lill-ġid tal-istess kommittent."[7]

*Mhuwiex kontestat illi ftit xhur wara li sar il-ftehim tal-appalt, dan ġie terminat mill-attriċi. Skont l-attriċi, għalkemm l-appalt beda f'Settembru 2013 u x-xogħlijiet kollha kellhom jitlestew sa Diċembru tal-istess sena, baqa' ma sarx iktar progress fix-xogħol u illi bejn Jannar u Mejju tas-sena 2014 kien sar biss passata tal-ġibs fil-ħitan tal-fond tagħha. Sadanittant, il-mobbli li l-attriċi kienet diġà ordnat, fosthom il-kċina, kienu waslu biex jiġu konsenjati u għalhekk il-post kien jeħtieġ li jingħalaq.*

*Din il-verżjoni effettivament, ma ġietx miċħuda mill-konvenut illi fix-xhieda tiegħu ma nnegax illi l-appalt ġie terminat u lanqas innega illi l-ftehim kien li x-xogħlijiet*

[7] Cutajar Construction Limited *vs* Pierre P. Gregoire, supra.

*jitlestew sa Diċembru 2013. Żied jistqarr illi huwa kellu diversi lantijiet tax-xogħol għaddejjin f'daqqa u kellu jfittex kompromess dwar kif kien ser ikompli bix-xogħlijiet fil-fond tal-attriċi. Qal ukoll illi d-*designer *inkarigata mill-attriċi bidlet il-programm tax-xogħlijiet u kellu jsir* budgeting *mill-ġdid. Madanakollu, din l-allegazzjoni tal-aħħar ma ġietx effettivament ippruvata.*

*Skont l-attriċi, hija kellha tittermina l-appalt wara li rat illi, oltre d-dewmien fl-eżekuzzjoni tal-appalt, il-konvenut ma kienx qed jagħmel kuntatt magħha u baqa' ma weġibx it-telefonati tagħha minkejja d-diversi tentattivi biex tikkomunika miegħu biex ikompli jlesti x-xogħol. Sussegwentement, bi ftehim mal-konvenut, ġie inkarigat perit sabiex jispezzjona u jivvaluta x-xogħlijiet li huwa kien laħaq wettaq fuq l-appalt. Jidher ukoll illi l-konvenut għamel xi żmien rikoverat l-Isptar, iżda huwa ma ċaħadx illi effettivament ix-xogħol ma kienx qed isir, tant illi xehed illi f'xi stadju kienu ftiehmu dwar "... terminu li jiena mmur inkompli."*

***Ikkunsidrat;***

*Miżmum ferm dak kollu premess u wara li fliet bir-reqqa l-atti u x-xhieda, il-Qorti tqis illi l-attriċi kienet ġustifikata li tittermina l-appalt meta x-xogħlijiet appaltati li kellhom jitlestew f'Diċembru 2013, ftit li xejn sar progress fihom u ġabu dewmien ferm lil hinn miż-żmien pattwit. Jirriżulta mill-ġabra tal-provi illi wara li l-appalt ġie terminat, ġie inkarigat il-Perit Philip Farrugia – fuq suġġeriment tal-konvenut li ġie milqugħ mill-attriċi – sabiex jispezzjona x-xogħol li kien laħaq sar mill-konvenut fil-fond. Mhux kontestat illi din l-ispezzjoni saret qabel l-attriċi inkarigat lil Keith Balzan Gera sabiex iwettaq xi xogħlijiet ulterjuri fil-fond. F'kull każ, mill-atti jirriżulta illi filwaqt illi l-Perit spezzjona l-fond għall-fini li jikkostata u jivvaluta x-xogħlijiet esegwiti mill-konvenut, fl-20 ta' Lulju 2014, l-attriċi inkarigat lit-terzi kuntratturi permezz ta' ftehim li ġie konkluż fil-21 ta' Awwissu 2014.*

*Il-konvenut ma jikkontestax illi l-Perit Farrugia ġie inkarigat konġuntivament minnu u mill-attriċi, u lanqas jidher illi ressaq xi oġġezzjoni għall-fatt illi l-istimi mressqa minn dan il-Perit saret fl-assenza tiegħu. Il-Perit in kwistjoni ivvaluta x-xogħlijiet li saru mill-konvenut fil-fond tal-attriċi permezz ta' stima fis-somma ta' €6,366.34 (mhux inkluż it-taxxa fuq il-valur miżjud). Effettivament jirriżulta inkontestat illi din l-istima saret abbażi ta' spezzjoni li saret fil-fond tal-attriċi li għaliha l-konvenut, għalkemm kien debitament mgħarraf, naqas milli jattendi.*

*Jirriżulta illi in linea ta' kontestazzjoni, il-konvenut jiffoka sistematikament jekk mhux unikament, fuq l-ispejjeż li huwa jgħid li ħallas għal dan l-appalt, fosthom il-*

*ħlasijiet lill-ħaddiema li kien qabbad biex jaħdmu fuq is-sit, u x-xiri tal-materjal. Madanakollu, hija l-fehma tal-Qorti illi l-konvenut ma ressaqx provi biżżejjed sabiex juri b'mod konvinċenti illi x'kienu l-ispejjeż minnu mħallsin u kif dawn l-ispejjeż u x-xogħlijiet eżegwiti fil-fond tal-attriċi għandhom jissuperaw fil-valur l-istima li għamel il-Perit imqabbad konġuntivament miż-żewġ kontendenti. Għalkemm il-bennej li għamel ix-xogħol ta' kostruzzjoni u alterazzjonijiet fil-fond, xehed illi l-konvenut ħallsu s-somma ta' €2,300, għal xogħlu, għall-bqija jirriżulta illi l-konvenut naqas b'mod manifest milli jressaq provi sodisfaċenti u jikkwantifika b'mod koerenti l-valur tax-xogħlijiet esegwiti u l-ħlasijiet li għamel fosthom għall-materjal li huwa xtara għal dan l-appalt.*

*Kwantu għax-xiri tal-materjal mingħand is-supplier R&G Hardware Stores, jiġi osservat illi għalkemm il-konvenut indika fost id-diversi* invoices *esebiti mill-imsemmi* supplier *dawk l-*invoices *li kienu jappartjenu lill-appalt tal-attriċi, il-Qorti ma tistax tonqos milli tosserva illi l-*invoices *kollha indikati mill-konvenut mhux talli ma jagħmlu ebda referenza għall-attriċi, talli huma lkoll datati preċedentement anke għall-istima tal-prezzijiet li saret mill-konvenut in konnessjoni ma' dan l-appalt. Dan apparti l-fatt illi l-attriċi xehdet b'mod inkontestat illi x-xogħlijiet kellhom jibdew, u effettivament bdew, f'Settembru 2013.*

*Il-Qorti tqis illi ġialadarba l-attriċi ppruvat illi hija ħallset b'kollox is-somma ta' €17,000 lill-konvenut għax-xogħlijiet appaltati u illi dawn ix-xogħlijiet ġew ivvalutati minn perit fis-somma ta' €6,336.34, kien jispetta imbagħad lill-konvenut sabiex jipprova x'kienu dawk ix-xogħlijiet li ġew effettivament esegwiti minnu fil-fond u l-valur tagħhom. Għalkemm il-konvenut jallega li l-valur tax-xogħol li laħaq esegwixxa huwa stess fil-fond tal-attriċi huwa ta' ċirka €10,000 u jgħid illi huwa għamel diversi pagamenti lill-ħaddiema tiegħu u għax-xiri tal-materjal, dan ma jirriżultax sodisfaċentement mill-provi. B'żieda mal-premess, il-Qorti tosserva illi għalkemm il-Perit Philip Farrugia, f'Dok. PF1 minnu esebit, indika li skont il-konvenut il-valur tax-xogħlijiet magħmula minnu kellu jkun fis-somma ta' €8,565.34, madanakollu l-konvenut fix-xhieda tiegħu ma għamel ebda referenza kwalsiasi għal din l-istima. Naqas ukoll milli jfisser id-diskrepanza bejn is-somma ta' €8,565.34 indikata mill-Perit Farrugia bħala l-istima li ngħatat lilu mill-konvenut, u s-somma ta' cirka €10,000 imsemmija fix-xhieda tiegħu jew kif il-valutazzjoni li għamel il-Perit mhijiex tajba. Mhuwiex ċar lanqas għall-Qorti fhiex tikkonsisti d-diskrepanza fis-somma ta' €2,199 bejn l-istima tal-Perit Farrugia fis-somma ta' €6,366.34, u l-istima tal-istess konvenut fis-somma ta' €8,565.34.*

*Billi mill-kunsiderazzjonijiet fuq magħmula, huwa evidenti li l-konvenut naqas milli jikkontesta b'mod serju l-pretensjonijiet tal-attriċi u l-istima mħejjija mill-Perit Philip Farrugia, il-Qorti tqis li l-istima tal-Perit maħtur bi qbil bejn il-partijiet, fis-somma ta' €6,366.34, eskluż taxxa fuq il-valur miżjud, bħala prova tajba tal-valur tax-xogħlijiet li laħqu ġew imwettqa mill-konvenut fil-fond tal-attriċi sakemm l-appalt mogħti lilu ġie terminat u qabel ġew inkarigati terzi persuni biex ikomplu x-xogħlijiet appaltati. Ma' din is-somma għandha tiżdied it-taxxa fuq il-valur miżjud bir-rata ta' 18%, ġaladarba mir-riċevuta fiskali maħruġa mill-konvenut jirriżulta illi din it-taxxa kienet inkluża fil-pagamenti li għamlet l-attriċi u f'kull każ hija dovuta skont il-liġi.*

***Ikkunsidrat;***

*In konklużjoni, il-Qorti trid tittratta l-eċċezzjoni illi l-konvenuta Claire Calleja ma kellha l-ebda relazzjoni ġuridika mar-rikorrenti u ma kellha l-ebda konnessjoni man-negozju mertu tal-kawża. B'din l-eċċezzjoni, il-Qorti fehmet illi l-konvenuta qiegħda tissolleva n-nuqqas ta' leġittimazzjoni passiva billi tgħid li ma hijiex il-leġittimu kontradittriċi tal-azzjoni attriċi minħabba nuqqas ta' relazzjoni ġuridika bejnha u bejn l-attriċi.*

*Il-Qorti tqis illi hawnhekk huwa rilevanti t-tagħlim tas-sentenza fl-ismijiet* ***Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et*** *deċiża fil-5 ta' Ottubru 2001 mill-Qorti tal-Appell fejn ġie ritenut illi:-*

> "Biex jiġi stabbilit jekk parti in kawża kinitx jew le leġittimu kontradittriċi tal-parti l-oħra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna ċitata fil-ġudizzju, kinitx materjalment parti fin-negozju li, skont l-attur, ħoloq ir-relazzjoni ġuridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.
>
> Jekk dan in-ness jiġi stabbilit, il-persuna ċitata setgħet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi għat-talbiet attriċi, in kwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan in kwantu l-premessi għaliha, jekk provati, setgħu jwasslu għall-kundanna mitluba f'każ li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-liġi x'jopponi għaliha."

*Imbagħad, fil-każ* ***Focal Maritime Services Company Limited vs Top Hat Company Limited*** *deċiża fid-9 ta' April 2008 mill-Qorti tal-Appell, intqal illi:-*

> "In linea ta' prinċipju ġenerali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew

awiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f'kondominju, jew il-kreazzjoni ta' ċerti servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika."

*Applikat dan l-insenjament għall-fatti tal-każ odjern, il-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet. Huwa minnu illi ma jidhirx illi l-konvenuta kienet involuta direttament fin-negozju konkluż bejn l-attriċi u żewġha l-konvenut Ludwig Calleja, u lanqas jirriżulta illi hija parteċipi b'mod ġenerali fin-negozju eżerċitat mill-istess konvenut konsistenti f'xogħlijiet ta' dawl u ilma. Madanakollu, billi l-konvenuti huma miżżewġin, u dan mhux kontestat minnhom, il-Qorti ma tistax twarrab il-fatt illi fil-liġi tagħna*[8] *hemm preżunzjoni tal-eżistenza tal-komunjoni tal-akkwisti bejn żewġ persuni miżżewġin Malta. Tqis ukoll illi kien jispetta lill-konvenuti, jekk hekk kien jidhrilhom, li jippruvaw li huma b'xi mod kienu warrbu jew eskludew tali reġim bil-konsegwenza li mart il-konvenut ma tkunx responsabbli bħala komparteċipi fil-komunjoni tal-akkwisti. Iżda dan qatt ma sar.*

*Għall-Qorti, dan ifisser illi bejn il-konvenuti teżisti l-komunjoni tal-akkwisti, u konsegwentement isibu riskontru r-regoli kontenuti fis-Subtitolu III tat-Titolu V tat-Tieni Taqsima tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Ċivili, fosthom għalhekk l-Artikolu 1320 li jipprovdi illi fil-komunjoni tal-akkwisti jidħlu, inter alia, dak kollu li ż-żewġ partijiet miżżewġa jakkwistaw bix-xogħol jew bil-ħidma tagħhom.*[9] *B'żieda ma' dan, skont l-Artikolu 1324 tal-Kap. 16, att normali ta' ġestjoni ta' kummerċ, negozju jew professjoni li jkunu qed jiġu eżerċitati minn parti waħda biss mill-miżżewġin, ikunu vestiti biss f'dik il-parti li fil-fatt tkun qed teżerċita dak il-kummerċ, negozju jew professjoni.*

*Għaldaqstant, ġialdarba jirriżulta illi t-talba attriċi f'din l-azzjoni hija msejsa fuq appalt li ngħata lill-konvenut fil-kors normali tal-kummerċ eżerċitat minnu, b'applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet legali li jirregolaw ir-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti għandu jikkonsegwi neċessarjament illi dak li seta' ġie akkwistat mill-konvenut minn dan in-negozju, anke jekk aġixxa waħdu, jifforma parti mill-akkwisti tal-komunjoni ta' beni eżistenti bejn iż-żewġ konvenuti miżżewġin.*

[8] Artikolu 1316 tal-Kodiċi Ċivili.
[9] Artikolu 1320(a).

*Applikat it-tagħlim ċitat iktar qabel għall-eċċezzjoni in diżamina, il-Qorti tqis illi d-dħul minn u l-obbligazzjonijiet tan-negozju eżerċitat mill-konvenut Ludwig Calleja, jorbtu lill-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn l-istess konvenut u l-konjugi tiegħu anke jekk dan in-negozju jiġi ġestit mill-konvenut waħdu mingħajr il-parteċipazzjoni ta' martu. Tqis ukoll illi l-korollarju ta' dan huwa illi bħala l-konjugi tal-konvenut u bħala komparteċipi fil-komunjoni tal-akkwisti li fiha bla dubju jirrientraw l-akkwisti tan-negozju eżerċitat minn żewġha l-konvenut Ludwig Calleja, teżisti relazzjoni ġuridika evidenti bejn il-konvenuta Claire Calleja u l-attriċi Yana Grech u għaldaqstant, il-konvenuta għandha titqies li ġiet ċitata in ġudizzju korrettement.*

*Għalhekk, billi l-konvenuta Claire Calleja għandha, abbażi tal-premess, titqies bħala leġittimu kontradittur għat-talba attriċi, il-Qorti ma tistax tqis li hija tajba l-eċċezzjoni tal-konvenuti li hija ġiet ċitata in ġudizzju ħażin, u konsegwentement qiegħda tirrespinġi din l-eċċezzjoni.*

***Decide***

*Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi illi filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti billi huma inkompatibbli ma' dak hawn deċiż, tilqa' limitatament it-talba tal-attriċi Yana Grech u tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-istess attriċi s-somma ta' disat elef, erba' mija u sebgħa u tmenin euro u tnejn u sebgħin ċenteżmu (€9,487.72) in linea ta' rifużjoni ta' pagament effettwat fir-rigward ta' xogħlijiet fil-fond tal-istess attriċi f'Bonnici Flats, Vittorio Cassar Street, Birkirkara, bl-imgħax mid-data tal-preżentata tar-Rikors promutur, ċioe mit-22 ta' Ġunju 2015, u bl-ispejjeż kontra l-konvenuti."*

## <u>L-Appell</u>

6. Permezz tar-rikors tal-appell intavolat fl-4 ta' Mejju, 2020, l-appellanti talbu lil din il-Qorti,

*"... jogħġobha tilqa' l-aggravji tal-appellanti u tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi deċiża fis-26 ta' Frar, 2020 billi tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tal-appellanti u tiċħad it-talbiet attriċi kollha fl-intier tagħhom.*

*Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata."*

7. L-appellanti qalu li ħassew ruħhom aggravati bis-sentenza appellata għaliex l-Ewwel Qorti għamlet applikazzjoni ħażina tal-liġi meta ma laqgħetx it-talba tagħhom għall-kjamata fil-kawża ta' Keith Balzan Gera. L-appellanti jgħidu li din it-talba tagħhom tressqet fi stadju bikri tal-kawża, u għalhekk l-Ewwel Qorti kellha tagħti deċiżjoni dwar din it-talba tagħhom fl-istadju preliminari tal-proċeduri. L-appellanti qalu li huma fl-ebda waqt ma ddikjaraw li kienu qegħdin jirtiraw it-talba tagħhom għall-kjamata fil-kawża ta' Balzan Gera. L-appellanti qalu li wara li l-kawża quddiem l-Ewwel Qorti ġiet riassenjata lil Maġistrat ieħor, din argumentat li ma kienx hemm il-ħtieġa tal-kjamata fil-kawża ta' Balzan Gera sabiex proċeduralment jiġi evitat li l-provi jerġgħu jinfetħu mill-ġdid. L-appellanti qalu li dan m'għandux mis-sewwa u r-raġunament tal-Ewwel Qorti f'ċerti aspetti jirraviża l-illoġiku u huwa ġuridikament u fattwalment żbaljat. L-appellanti jgħidu li l-Ewwel Qorti ddikjarat li m'hemmx il-ħtieġa tas-sejħa fil-kawża ta' Balzan Gera għaliex emmnet il-verżjoni tal-attriċi u dak li xehed Balzan Gera nnifsu, li l-attriċi tat l-appalt biss lil Ludwig Calleja. L-appellanti qalu li d-dokument esebit waqt il-kontroeżami tal-appellata li beda jsir fit-18 ta' Novembru, 2015, altru milli jitkellem dwar appalt ġdid. Qalu wkoll li minn dan id-dokument għandu jirriżulta li l-appellanta kienet taf li tat l-appalt lil Keith Balzan Gera ukoll, tant hu hekk li fuq dan id-dokument hija ffirmat sabiex Balzan Gera jlesti l-parti tax-xogħol li kien għad fadal x'isir. Fuq dan id-dokument l-appellata ddikjarat li lil Balzan Gera ma kienet ħallsitu xejn, u ddikjarat ukoll li lil Balzan Gera ma kinitx

ser iżżommu responsabbli għad-danni wara li jlesti x-xogħol. L-appellanti jgħidu li l-appellata għamlet din id-dikjarazzjoni għaliex għaliha Balzan Gera kien responsabbli daqs il-intimat għat-tlestija tax-xogħol. L-appellanti jgħidu wkoll li mill-provi jirriżulta li fis-16 ta' Marzu, 2015, l-appellata ffirmat skrittura oħra ma' Balzan Gera fejn mhux talli ma ħallsitux għal dak li l-Ewwel Qorti ddikjarat li kien appalt ġdid, imma saħansitra ħallasha hu €500 bħala kumpens. L-appellanti staqsew min kien ser jaċċetta l-ħlas ta' €10,000 fil-kont bankarju tiegħu, kif jirriżulta li għamel Keith Balzan Gera, jekk ma jkunx komparteċipi fl-appalt? L-appellanti jgħidu wkoll li x-xhieda ta' Balzan Gera m'għandhiex mis-sewwa, partikolarment meta dan għamel riferiment għal għadd ta' mandati ta' sekwestru, li l-appellanti jgħidu li lanqas biss kienu fis-seħħ fiż-żmien meta sar it-trasferiment tal-flus. L-appellanti jgħidu li hija wkoll rilevanti x-xhieda ta' Balzan Gera fejn qal li Yana Grech kienet kellmitu sabiex imorru jaraw ix-xogħol li kien meħtieġ li jsir fil-fond tagħha, u fil-fatt Balzan Gera kien mar mal-intimat fuq il-post, u raw x'xogħol kien meħtieġ li jsir, peress li huma kienu diġà miftehmin li x-xogħol kienu ser jagħmluh flimkien. L-appellanti jgħidu li anke l-istima li ngħatat lill-appellata, kienet tindika min kienu l-persuni li ser jidħlu għall-appalt, u spjegaw li K & L Contractors speċifikament tirreferi għal Keith u Ludwig. L-appellanti jgħidu li dawn il-fatti ġew injorati mill-Ewwel Qorti, u għalhekk din il-Qorti għandha tiddeċiedi li Keith Balzan Gera kellu jkun kjamat fil-kawża, partikolarment meta din hija kawża għar-rimbors tal-flus u jirriżulta li €10,000 minnhom kienu ġew iddepożitati fil-kont ta' Balzan Gera.

8. Fit-tieni aggravju tagħhom, l-appellanti jgħidu li l-Ewwel Qorti għamlet applikazzjoni ħażina tal-liġi meta laqgħet it-talba tar-rikorrenti għalkemm biss *in parte*. L-appellanti qalu li l-Ewwel Qorti kellha timxi mat-talba tal-rikorrenti u mhux ma' dak li forsi riedet tfisser ir-rikorrenti. Qalu li l-appellata għażlet li titlob somma speċifika li tirrappreżenta bilanċ ta' pagament effettwat fir-rigward tax-xogħlijiet. Qalu li mill-provi rriżulta li l-appellata għamlet żewġ pagamenti, wieħed ta' €7,000 fi flus kontanti u l-ieħor ta' €10,000 fil-kont bankarju ta' Keith Balzan Gera. L-appellanti jgħidu li jekk wieħed kellu jaċċetta li l-ewwel €7,000 tħallsu lil Ludwig Calleja, skont ir-rapport peritali tal-Perit Philip Farrugia għandu jirriżulta li l-intimat Ludwig Calleja għamel b'kemm jiswa €6,366.34 f'xogħlijiet, li meta wieħed iżid il-VAT magħhom bir-rata ta' 18%, iwassal għal total ta' €7,512.28, u għalhekk mis-€7,000 mħallsa oriġinarjament mill-appellata, mhuwa dovut l-ebda rimbors. Fir-rigward tal-pagament ta' €10,000, l-appellanti jgħidu li mill-provi għandu jirriżulta li dan il-pagament ma tħallasx lilhom imma lil Keith Balzan Gera. Qalu li minn dan għandu jsegwi li la l-flus ġew irċevuti minn Balzan Gera, kwalsiasi rimbors għandu jitħallas minnu. Qalu li l-Ewwel Qorti injorat dan il-prinċipju kompletament. L-appellant qal li min-naħa tiegħu huwa xehed il-verità meta qal li kien irċieva nofs il-flus imħallsa mill-appellata, u għalhekk in pessima ipotesi għandu jirriżulta li l-appellanti huwa responsabbli biss għal dak li huwa effettivament irċieva. L-appellanti qalu li kieku kellu jiġi aċċettat illi Balzan Gera għamel xi xogħol għall-appellata, u l-appellata ma ħallsitux għal dan ix-xogħol, il-valur ta' dan ix-xogħol irid jonqos minn dak pretiż mill-appellata. L-appellanti jagħmlu riferiment għall-parti tax-xhieda fejn intqal li Keith Balzan

Gera ħallas is-somma ta' €500 lill-appellata, u qalu li dan l-ammont għandu jitnaqqas ukoll mis-somma reklamata minnha. Żiedu jgħidu li bl-istess mod għandha titnaqqas is-somma ta' €1,800 rappreżentanti l-VAT fuq l-€10,000 li tħallsu mill-appellata, u li issa din qiegħda titlob ir-rimbors tagħhom. L-appellanti jgħidu wkoll li l-appellata naqset milli tippreżenta d-dokumenti li abbażi tagħhom il-Perit Farrugia ħejja r-rapport tiegħu, u għalhekk l-appellata naqset milli tipprova li l-istima li hija ngħatat mill-appellant u minn Keith Balzan Gera kienet dik ippreżentata mill-appellant waqt is-seduta tat-12 ta' Ottubru, 2016. L-appellanti komplew jgħidu li kuntrarjament għal dak li ġie konkluż mill-Ewwel Qorti, huma rnexxielhom iġibu prova sal-grad rikjest mil-liġi ta' dak li ġie imħallas minnhom. L-appellanti jgħidu wkoll li l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li l-fatturi maħruġa minn R&G ma jistgħux jintrabtu max-xogħol li sar lill-appellata, hija *non sequitur* għaliex l-ebda *supplier* ma joħroġ fatturi skont il-klijent aħħari, imma l-fatturi jinħarġu fuq il-persuna li jkun jaf. Żiedu jgħidu li biex wieħed jasal għal dak imħallas mill-appellant, trid titqabbel id-data tal-fattura mal-materjal li nxtara u max-xogħol li sar. B'riferiment għall-irċevuta ta' €10,000 maħruġa mill-appellant lill-appellata fil-5 ta' Settembru, 2013, l-appellanti jgħidu li l-irċevuta bilfors li kellha tinħareġ f'isem l-appellant għaliex Keith Balzan Gera ma kellux numru tal-VAT tiegħu, u għalhekk kien qiegħed jintuża n-numru tal-VAT ta' Ludwig Calleja. L-appellanti qalu wkoll li l-irċevuta fiskali mhijiex prova tal-persuna li favur tagħha sar il-pagament, u l-unika prova ta' min irċieva l-pagament hija għand min effettivament marru l-flus. L-appellanti qalu wkoll li mhijiex korretta l-pożizzjoni tal-Ewwel Qorti li l-kwistjonijiet interni ta' bejn l-appellant u s-sieħeb tiegħu fin-negozju huma

irrelevanti jew *res inter alios acta* għall-appellata. Spjegaw li t-talba tal-appellata hija għar-rimbors ta' flus imħallsa minnha, u l-fatt li l-appellant u Balzan Gera kienu jaħdmu bi sħab huwa rilevanti, għaliex it-tnejn li huma għandhom iwieġbu għat-talbiet tal-appellata, u mhux l-appellant waħdu. L-appellanti staqsew ukoll x'interess kellu Balzan Gera jixhed bil-mod kif xehed, partikolarment meta mill-atti jirriżulta li l-appellant kiseb titolu eżekuttiv ta' €19,000 fil-konfront ta' Balzan Gera.

9. It-tielet aggravju tal-appellanti jgħid li l-Ewwel Qorti għamlet applikazzjoni ħażina tal-liġi meta ċaħdet it-tielet eċċezzjoni tal-appellanti intimati Calleja, għaliex mill-provi jirriżulta li Claire Calleja qatt ma kienet iltaqgħet mal-appellata, u wisq anqas ikkontrattat magħha. L-appellanti qalu li l-mertu tal-kawża jaqa' fl-ambitu ta' atti ta' amministrazzjoni straordinarja li ma jinkombux fuq il-komunjoni tal-akkwisti, jekk ma jkunux saru bil-kunsens tal-parti l-oħra fiż-żwieġ.

## **<u>Ir-risposta tal-appell</u>**

10. Fir-risposta tal-appell tagħha l-appellata qalet li s-sentenza appellata hija waħda ġusta u ekwa u jistħoqqilha li tiġi kkonfermata fl-intier tagħha, u din il-Qorti għandha tiċħad l-aggravji sollevati mill-appellanti. L-appellata spjegat li fil-bidu tal-iter ġudizzjarju tar-rikors promotur ippreżentat minnha, ir-rikors kien beda jinstema' minn Maġistrat li eventwalment ġiet elevata għal Imħallef, u għal xi raġuni r-rikors għall-kjamata fil-kawża ta' Keith Balzan Gera baqa' qatt

ma ġie deċiż. L-appellata qalet li t-talba tal-appellant għall-kjamata fil-kawża ta' Balzan Gera hija biss skuża min-naħa tal-appellant sabiex jeħles mir-responsabbilità li huwa jaf li għandu. L-appellata qalet li sabiex waslet għall-konklużjonijiet tagħha, l-Ewwel Qorti straħet fuq min mix-xhieda kien konsistenti, u mill-provi rriżulta bl-aktar mod ċar li l-appellata inkarigat biss lill-intimat biex jeżegwixxi l-appalt. Żiedet tgħid li l-unika prova li ġab l-appellant li l-appalt ingħata lilu u lil Balzan Gera flimkien, kienet il-*letterhead* li fuqha inkitbet l-istima li kienet ingħatat lill-appellata, li fuqha kellha l-intestatura K & L Contractors. L-appellata tgħid li l-appellant qiegħed jippretendi li sempliċi *letterhead* ta' *trade name* għandha titqies bħala prova suffiċjenti li l-appellata kkontrattat ukoll ma' Balzan Gera għall-appalt. L-appellata kompliet tgħid li minn imkien ma jirriżulta li l-appellant indika li kien qiegħed jikkontratta għal ħaddieħor, u mhux biss għalih innifsu, u Balzan Gera stess xehed li huwa qatt ma kkontratta mal-appellata, u li qatt ma rċieva xi flus mingħand l-appellant rigward ix-xogħlijiet inkwistjoni. L-appellata kompliet tgħid li tant dak li qiegħed jallega l-appellant m'għandux mis-sewwa, li meta x-xogħol ġie abbandunat, l-appellata kellha tidħol f'kuntratt ieħor ta' appalt ma' Balzan Gera, xi ħaġa li hija ma kinitx ser tagħmel li kieku rriżulta li dan kien l-appaltatur li ħalla x-xogħol nofs leħja.

11. B'riferiment għal dak li ġie sottomess mill-appellant li l-flus tad-depożitu ġew trasferiti fil-kont bankarju ta' Balzan Gera, l-appellata qalet li hija ttrasferiet il-flus fil-kont indikat mill-appellant, u tinsab sorpriża kif l-appellant issa qiegħed jippretendi li wara li huwa kien taha d-dettalji tal-kont fejn

għandhom jiġu ttrasferiti l-flus, issa qiegħed juża l-fatt li dan il-kont mhux tiegħu biex jgħid li l-appalt ma sarx miegħu biss. L-appellata għamlet riferiment għall-fatt li l-irċevuta fiskali nħarġet mill-appellant, bin-numru tal-VAT tiegħu biss. B'riferiment għal dak li ntqal mill-appellanti, li fiż-żmien meta sar it-trasferiment tal-flus inkwistjoni mhuwiex minnu li l-kontijiet bankarji tal-appellant kienu milquta minn sekwestru, l-appellata qalet li aktarx li l-appellant indika l-kont ta' Balzan Gera sabiex isir it-trasferiment tal-flus fih minħabba l-biżgħa li kellu li l-kontijiet bankarji tiegħu setgħu jiġu milquta b'xi sekwestru. L-appellata qalet li mill-provi ma jirriżultax li l-appellant qatt ċaħad li x-xogħol appaltat ġie abbandunat, u l-appellant lanqas ma kkontesta l-istima li saret mil-Perit Philip Farrugia, li kien ġie inkarigat miż-żewġ partijiet flimkien.

12. B'riferiment għat-tielet aggravju tal-appellant, l-appellata qalet li filwaqt li mill-provi jirriżulta li huwa minnu li Claire Calleja ma kinitx involuta direttament fit-transazzjoni konkluża minnha u l-appellant Ludwig Calleja, il-fatt li l-appellanti huma miżżewġin jagħti lok għall-preżunzjoni li bejniethom hemm viġenti r-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti. Żiedet tgħid li allura kien jispetta lill-appellanti li jippruvaw li huma b'xi mod kienu warrbu jew eskludew tali reġim sabiex l-appellanti Claire Calleja tiġi eżonerata mir-responsabbilità bħala komparteċipi fil-komunjoni tal-akkwisti.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

13. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji tal-appellanti fid-dawl tar-risposta tal-appellata u tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti fid-deċiżjoni appellata.

*L-ewwel aggravju:* *L-Ewwel Qorti għamlet applikazzjoni ħażina tal-liġi meta ma laqgħetx it-talba tal-appellanti għall-kjamata fil-kawża ta' Keith Balzan Gera*

14. L-appellanti jgħidu li minkejja li l-kwistjoni dwar il-kjamata fil-kawża ta' Keith Balzan Gera kellha tiġi stradata u determinata fil-bidu tal-iter proċedurali quddiem l-Ewwel Qorti, din it-talba tagħhom, li kienet saret fl-ewwel eċċezzjoni tagħhom għar-rikors promotur, ġiet injorata, u deċiżjoni dwarha ngħatat biss fl-istadju tal-għoti tas-sentenza finali. L-appellanti jgħidu li l-Maġistrat li bdiet tisma' l-proċeduri ġiet elevata għal Imħallef, u sussegwentement il-proċeduri tkomplew minn Maġistrat differenti, li ppronunzjat ruħha dwar it-talba tagħhom fl-istadju tad-deċiżjoni finali, meta allura l-proċeduri kienu waslu fi stadju inoltrat u ma kienx prattiku li ssir il-kjamata fil-kawża ta' persuna li sussegwentement ikollha l-jedd tressaq l-eċċezzjonijiet u l-provi tagħha. L-appellanti jgħidu li huma fl-ebda waqt ma ddikjaraw li kienu qegħdin jirtiraw it-talba tagħhom għall-kjamata fil-kawża ta' Balzan Gera, u għalhekk l-Ewwel Qorti kellha tippronunzja ruħha dwar din it-talba tagħhom qabel l-għoti tas-sentenza finali fil-mertu.

15. L-appellanti jagħmlu riferiment għall-fatt li l-Ewwel Qorti ddeċidiet li l-appalt kien ingħata lil Ludwig Calleja biss, u għal dokument esebit in atti *a fol.* 46 tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti, li juri li l-appellata kienet laħqet ftehim ma' Keith Balzan Gera sabiex dan ilesti l-parti tax-xogħol li kien għad fadal xi jsir fil-fond tal-appellata wara li ġie mwaqqaf l-appalt tal-appellanti. Huma jsostnu li r-raġuni għalfejn l-appellata ffirmat dan id-dokument fejn iddikjarat li mhuwa dovut l-ebda ħlas lil Keith Balzan Gera, u li dan mhux ser ikun qiegħed jinżamm responsabbli għad-danni, kienet għaliex l-appellata kienet taf li Balzan Gera kien responsabbli daqs l-appellant għat-tlestija tax-xogħlijiet kompriżi fl-appalt oriġinali mogħti minnha. L-appellanti qalu li l-Ewwel Qorti injorat għalkollox il-provi li juru li l-appalt ingħata lil Keith Balzan Gera u lil Ludwig Calleja flimkien, bħall-fatt li l-istima tax-xogħol inkitbet fuq *letterhead* bl-intestatura K & L Contractors, u l-fatt li ġie dikjarat minn Keith Balzan Gera nnifsu li huwa kien mar jara l-fond inkwistjoni flimkien mal-appellant qabel inħarġet l-istima tax-xogħlijiet.

16. Min-naħa tagħha l-appellata sostniet li l-fatt li l-istima tax-xogħol kienet saret fuq *letterhead* intestata bit-*tradename* K & L Contractors, mhijiex prova suffiċjenti li l-appalt kien ingħata lill-appellant u lil Keith Balzan Gera flimkien. Żiedet tgħid li l-appellant ma ġab l-ebda prova li huwa kien qiegħed jikkontratta għal ħaddieħor u mhux għalih innifsu biss. Spjegat li meta l-appellant abbanduna x-xogħol, fatt dan li ma ġie miċħud minnu fl-ebda stadju tal-proċeduri lanqas waqt l-appell, hija kienet innegozjat kuntratt ta' appalt ġdid ma' Keith Balzan Gera, xi ħaġa li żgur li ma kinitx ser tagħmel li kieku

Balzan Gera b'xi mod kien involut fl-abbandun tax-xogħol kif ikkontrattat oriġinarjament. L-appellata spjegat li hija kienet ittrasferiet il-flus li talabha tħallsu l-appellant fil-kont bankarju indikat minnu, u għal dan il-pagament inħarġitilha irċevuta bin-numru tal-VAT tal-appellant. L-appellata qalet l-appellant kien indikala n-numru tal-kont bankarju ta' Keith Balzan Gera sabiex isir it-trasferiment tal-flus fih, aktarx għaliex l-appellant kien jaf li kien ser jintlaqat minn għadd ta' sekwestri.

17. Tqis li l-istitut tal-kjamat fil-kawża huwa maħsub biex ipoġġi lill-kjamat fil-pożizzjoni ta' konvenut, bil-jedd li jressaq l-eċċezzjonijiet u li jagħmel is-sottomissjonijiet neċessarji bħala parti fil-kawża. Hawnhekk isir riferiment għal dak stabbilit f'deċiżjoni fl-ismijiet **Alex Azzopardi *vs.* Anna Ellul et**[10], fejn dwar l-istitut tal-kjamat fil-kawża inkiteb illi:

> "Filwaqt li fl-artikolu 962 tal-Kapitolu 12 dwar il-kjamat in kawża jingħad li din għandha tiġi notifikata bir-rikors u titqies bħala kull intimat ieħor u li bħala tali għandha jedd tippreżenta kull skrittura, li tagħti kull eċċezzjoni, u li tinqeda b'kull benefiċċju ieħor li l-liġi tagħti lill-intimat u li tiġi meħlusa jew ikkundannata daqs li kieku mill-ewwel il-kawża kienet proposta kontra tagħha, dan il-kliem ma jinstabx fl-artikolu 960 li jitkellem dwar l-intervenut fil-kawża."

Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Joseph Riolo pro et nomine *vs.* Carmen Muscat**[11], il-Qorti stabbiliet is-segwenti prinċipji:

> "L-istitut (tal-kjamat fil-kawża) jaqdi diversi funzjonijiet proċedurali, prinċipalment: (a) dak li jintegra l-ġudizzju fejn ikun hemm diversi intimati li jkollhom jiġu mħarrka

[10] P.A., 29.10.2010.
[11] Q.A., 15.03.1991, Kollez. Vol. LXIX, i. 96; Vol. LXXIX.ii.1110.

u li xi wħud minnhom jitħallew barra; (b) dak li jissalvagwardja d-drittijiet ta' min ikun indirettament interessat fl-ewwel azzjoni ġudizzjarja u li aktarx iġġib warajha azzjoni oħra bħala konsegwenza tagħha ...".

Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Carmelo Mamo *vs.* Brian Abela noe**[12], inkiteb illi:

"... l-istitut tal-kjamata fil-kawża hu intiż '*per integrare il procedimento coll'aggiunta di un individuo che si riconosce avere interesse nello stesso."*

F'deċiżjoni fl-ismijiet **Av. Dott. Alfred Grech *vs.* l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija**[13], il-Qorti spjegat illi:

"Fid-dawl ta' dawn il-prinċipji ġurisprudenzjali l-Qorti tibda billi tissottolinea li l-interess rikjest mil-liġi biex persuna tiġi kjamata f'kawża għandu jkun bħall-interess ġuridiku li jkollha parti fil-kawża, madankollu dan l-interess jista' jkun ukoll mibni fuq il-fatt li anke jekk ma jiġix direttament kundannat jew liberat, il-kjamat ikun jista' jressaq ir-raġunijiet tiegħu favur jew kontra t-teżi ta' min qed javvanza l-kawża jew tal-intimat, jew addirittura tiegħu nnifsu diversament minn dawk tal-partijiet."

18. Quddiem dawn il-pronunzjamenti tal-Qrati tagħna, tqis illi l-kwistjoni dwar il-kjamata fil-kawża ta' Keith Balzan Gera fil-proċeduri bejn il-partijiet odjerni, hija kwistjoni li kellha tiġi determinata sa mill-bidu tas-smigħ tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti, u l-appellanti naqsu meta ma ġibdux l-attenzjoni tal-Ewwel Qorti għall-fatt li ma ngħata l-ebda digriet jew deċiżjoni *in parte* dwar l-ewwel eċċezzjoni tagħhom. Jirriżulta wkoll li l-appellanti qatt ma rrinunzjaw għal din l-ewwel eċċezzjoni tagħhom. Din il-Qorti tirrileva li l-Ewwel Qorti kellha quddiemha żewġ xenarji possibbli, jiġifieri jew li t-talba għall-

[12] Q.A., 4.2.2000.
[13] Q. Kost., 27.09.2019.

kjamata fil-kawża ta' Keith Balzan Gera tiġi milqugħa, f'liema eventwalità dan kien ikollu jedd jipparteċipa fil-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti bħala konvenut, u jressaq il-provi u l-eċċezzjonijiet u jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu, jew inkella din it-talba tiġi miċħuda. Imma li huwa żgur li kwistjoni importanti bħal din, li saħansitra tista' tinċidi fuq l-integrità tal-ġudizzju fil-kawża, ma kellhiex tiġi deċiża flimkien il-mertu, imma kellha tiġi determinata in *limine litis*.

19. L-ewwel aggravju tal-appellanti huwa bbażat fuq il-fatt li l-Ewwel Qorti ddeċidiet li Keith Balzan Gera ma kellux ikun kjamat fil-kawża. L-appellanti jgħidu li din il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti kienet żbaljata, għaliex mill-provi kellu jirriżulta li l-appellata l-ewwel ma kienet kellmet rigward ix-xogħlijiet kien lil Keith Balzan Gera, u Balzan Gera kien mar fil-fond tal-appellata flimkien mal-appellant qabel ma taw stima lill-appellata. L-appellant jgħid li l-ftehim mal-appellata kien li hu u Balzan Gera kellhom jaħdmu l-appalt flimkien, u meta ntlaħaq ftehim mal-appellata dwar il-pagament li kellu jsir minnha qabel jitkompla x-xogħol, kien ġie indikat lilha n-numru tal-kont bankarju ta' Keith Balzan Gera, minkejja li l-irċevuta fiskali nħarġet mill-appellant. L-appellant sostna li meta l-appellata ddeċidiet li xxolji l-appalt oriġinali, din iffirmat ftehim ġdid ta' appalt ma' Keith Balzan Gera, dwar il-*continuation of works,* u fl-istess ftehim il-partijiet qablu li Balzan Gera ma kellu l-ebda responsabbilità għad-danni riżultanti mill-appalt oriġinali. L-appellant jgħid ukoll li l-istima tal-prezz tax-xogħol ingħatat lill-appellata fuq *letterhead* intestata K & L Contractors, u

din kienet prova biżżejjed li l-appalt ingħata lil Keith Balzan Gera u lil Ludwig Calleja flimkien.

20. Tqis illi mill-provi jirriżulta li meta l-appellant mar sabiex jagħti l-istima tax-xogħol lill-appellata, dan kien mar flimkien ma' Keith Balzan Gera. It-tnejn li huma fasslu bejniethom pjan dwar kif kellu jsir ix-xogħol, kif ukoll għarrfu lill-appellata bir-rata li biha kellu jsir il-ħlas għax-xogħol. Huwa minnu li l-intestatura K & L Contractors ma tfisser xejn. Madanakollu l-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li Keith Balzan Gera aċċetta fil-kont bankarju tiegħu t-trasferiment tas-somma ta' €10,000 mill-kont tal-appellata. Kien x'kien l-arranġament bejn Balzan Gera u l-appellant, dan huwa fatt li għandu piż probatorju qawwi għall-Qorti, partikolarment meta wieħed jikkonsidra li bl-aċċettazzjoni ta' dawn il-flus fil-kont bankarju tiegħu, Balzan Gera espona lilu nnifsu għall-ħlas tal-VAT jew tat-taxxa f'każ li f'xi data futura ssir indaġni fuq id-dħul jew il-qligħ tiegħu f'xi żmien partikolari. Barra minn hekk, il-Qorti ssibha diffiċli ferm temmen li l-appellant kien ser jagħti n-numru tal-kont bankarju ta' wieħed mill-impjegati tiegħu sabiex jiġu depożitati fih ammont sostanzjali ta' flus, li kieku mhux għax l-appalt kien ser jinħadem mill-appellant u minn Keith Balzan Gera flimkien.

21. Il-Qorti lanqas ma tista' tinjora l-ftehim li l-appellata ffirmat ma' Keith Balzan Gera fil-21 ta' Awwissu, 2014, fejn jirriżulta li l-partijiet ftiehmu dwar it-tlestija tax-xogħol tal-elettriku u tal-*plumbing,* ix-xogħol tat-travi, it-tneħħija tal-konkrit, u xogħol ieħor f'diversi kmamar f'dan il-fond, u fejn ġie ddikjarat li Balzan Gera ma kellux jinżamm responsabbli għad-danni wara li jlesti x-xogħol

tiegħu. Jirriżulta wkoll li wara li tlestew ix-xogħlijiet minn Balzan Gera, dan iffirma dokument ieħor mal-appellata[14], minn fejn jirriżulta li Balzan Gera ħallas l-ammont ta' €500 lill-appellata bħala kumpens talli hu kompla x-xogħol fil-proprjetà tagħha. Il-Qorti fehmet li l-ħlas lura ta' €500 minn Balzan Gera kienu forma ta' indennizz lill-appellata għall-fatt li l-appalt oriġinali twaqqaf minnha u sussegwentement ix-xogħol tkompla minn Balzan Gera waħdu. Il-Qorti tirrileva li kieku l-ftehim li kellhom bejniethom Balzan Gera u l-appellant ma kienx wieħed ta' sħubija, Balzan Gera ma kienx ikollu għalfejn jindennizza lill-appellata għal flus li allegatament tħallsu lill-appellant. Huwa probabbli li kif jirrileva l-appellant fit-tieni aggravju tiegħu, dawn il-€500 kienu parti mill-€10,000 mħallsa mill-appellata oriġinarjament, u ġew ritornati lura lilha minn Balzan Gera wara li dan lesta x-xogħol kollu li kellu jagħmel fil-fond tal-appellata.

22. Il-Qorti tinsab konvinta li l-appalt oriġinali kien ingħata mill-appellata lil Keith Balzan Gera u lill-appellant flimkien, u għalhekk Balzan Gera kellu jkun kjamat fil-kawża sabiex jingħata l-opportunità jwieġeb għat-talbiet tal-appellata, mhux bħala xhud, imma bħala parti konvenuta fil-kawża. Għal dan il-għan, il-Qorti sejra tibgħat l-atti lura quddiem l-Ewwel Qorti, sabiex jiġi kjamat fil-kawża Keith Balzan Gera, u l-proċeduri jkunu jistgħu jiġu determinati wara li jiġu evalwati r-risposta tiegħu u l-provi li jressaq fil-kawża.

[14] Esebit in atti *a fol.* 178 tal-proċess.

In vista ta' dan, il-Qorti mhijiex ser tippronunzja ruħha dwar it-tieni u t-tielet aggravji sollevati mill-appellanti, ladarba l-kwistjoni fil-mertu għad trid tiġi deċiża u determinata mill-Ewwel Qorti, wara li jiġi kjamat fil-kawża Keith Vella Gera.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellanti u tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata, billi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-appellanti u tiddikjara li Keith Balzan Gera kellu jkun kjamat fil-kawża fil-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti, u konsegwentement tordna li l-atti jintbagħtu lura quddiem l-Ewwel Qorti sabiex il-mertu jiġi deċiż mill-ġdid wara li ssir il-kjamata fil-kawża ta' Keith Balzan Gera.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti u ta' dan l-appell huma a karigu tal-appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**